## Minuti

**Seduta Nru. 10/2015**

**Data: It-Tnejn 16 ta' Frar 2015**

**Ħin: 6.00pm**

**Post: Kunsill Lokali L-Imsida**

---

**Preżenti:** **Matthew Mangion – *Chairperson***
**Deborah Galea – *Viċi Chairperson***
**Emanuel Galea – *Membru***
**Owen Patrick Attard – *Membru***
**Jimmy Zahra - *Membru***
**Marita Portelli – *Segretarju Eżekuttiv***

---

## AĠENDA

1. **Talba;**
2. **Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**
3. **Punti Mqajma mill-Minuti;**
4. **Korrispondenza;**
5. **Informazzjoni minn laqħat li saru;**
6. **Kiosk – Triq it-Torri**
7. **Traffic Management**
8. **Proposta minn organizzazzjoni tal-Basketball fis-Swatar**
9. **Affarijiet oħra jekk urġenti;**
10. **Għeluq u Aġġornament.**

**MINUTI:**

**1. Talba**

**248 Il-laqgħa bidet b'talba.**

**2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

249 Is-Sur Owen Attard talab li tiżdied, ma' minuta 230 li is-Sna Galea ilmentat għax ma kienetx informata dwar il-laqgħa tat-Traffic Management li kienet organizzata mill-Kunsill ta' B'Kara. Qal li hu kien informa lill-Kumitat waqt l-aħħar laqgħa li hu kien informa liċ-Chairperson b'din il-laqgħa. Qal li kien fid-dmir taċ-Chairperson biex javża l-membri l-oħra tal-Kumitat. Is-Segretarju ġibdet l-attenzjoni li f'każijiet bħal dawn għandu anke jinforma lis-Segretarju ħalli hi tkun tista tinforma lill-membri. Is-Sna Galea qalet li hi kull ma tixtieq hu li jkun hemm kommunikazzjoni tajba bejn il-membri kollha biex ma' jkunux aktar minn membru wieħed jaħdmu fuq l-istess ilment jew sitwazzjoni.

250 Daħal is-Sur Mangion (18:30).

251 Is-Sna Galea talbet lis-Sur Mangion jispjega fuq il-laqgħa tat-Traffic Management li saret. Hu qal li l-Kunsill ta' B'Kara organizzaw laqgħa, fejn kien hemm il-Perit preżenti minħabba li qed jikkonsidraw li Triq Giovanni Pappaffy issir One-Way u li ssir xi ħruġ fiż-żona għal fuq il-By Pass. Qal li l-laqgħa propja tat-Traffic Management għadha ma saritx. Is-Sur Attard qal lu huwa ssuġerixxa biex tinfetaħ il-parti tat-Triq ħdejn il-Banka tal-Lotto.

252 Il-Kumitat approva l-minuti bil-korrezzjoni mitluba.

3. Punti Mqajma mill-Minuti;

253 Materja 223: Dwar il-camera tas-CCTV intqal li r-Reġjun jinstalla l-camera wara li tkun waslet talba mingħand il-Kunsill Lokali. Is-Sna Galea talbet lis-Segretarju biex tiċċekja jekk jistgħux ikollhom l-approvazzjoni li jgħamlu aktar CCTVs minn dak offrut mir-Reġjun.

254 Materja 224: Is-Sur Galea qal li hu tkellem ma' Fr Robert fuq l-attivita' tas-Swatar Fest u li ma dehrx li kellu xi oġġezzjoni li ssir kollaborazzjoni. Qal li kellu jtiħ risposta imma għadu ma semgħa xejn iżjed minn għandu. Is-Sur Attard qali li l-Ħadd li għaddu hu tkellem ma' Fr Robert u qal li qed jistennew risposta mill-Kurja biex jikkonfermaw il-parteċipazzjoni tagħhom. Intqal li jingħata ħin biex ikunu jistgħu jagħtuhom risposta u jekk ma jkunx hemm risposta il-Kumitat jikkonsidra li jorganizza attivita' differenti. Intqal li l-Mobile Blood Unit xorta kkonfermat għal-10 ta' Mejju. Is-Sur Attard qal li diġa tawhom Posters u Leaflets li jistgħu jitqasmu mal-lokal.

255 Materja 229: Intqal li l-arblu ta' Triq Evelyn Bonaci tneħħa minn nofs it-triq. Is-Sur Attard semma li anke l-arblu li kien problematiku fi Triq Graffiti Navali sar it-tiswija tiegħu ukoll.

256 Materja 234: Dwar l-appell tal-permess tas-Sisla ċ-Chairperson qal li hu informat lill-Kunsill ta' B'Kara u kien qed jistenna risposta minħabba li s-

Sindku nformatu li ser issir xi laqgħa. Qal li hu baqa ma ġiex ikkuntatjat. Fil-laqgħa ta' wara għal li ma ġiex infurmat allura qed jassumi li ma saritx.

257 Materja 235: Dwar il-finanzi s-Sur Mangion qal li l-Kunsill ta' Birkirkara ippreżenta l-'Financial Statements' f'laqgħa f' Jannar qal pero' li dawn ma kienux jinkludu tal-Hamlets. Intqal li ser issir laqgħa separate maċ-Chairpersons tal-Hamlets biex dan jiġi diskuss. Is-Sur Mangion qal li hu ser jkun qed jassigura li jingħata risposta. Is-Sna Galea qalet li qed tiddejjaq jekk ikollha ssir laqgħa oħra mar-Residenti u jingħatalhom l-istess informazzjoni, cioe' li l-Kumitat m'għandux informazzjoni fuq finanzi.

258 Materja 237: Is-Segretarju qalet li ma kien hemm l-ebda kommunikazzjoni iżjed mill-Medicines Authority.

259 Materja 239: Is-Sna Galea qalet li għad m'hemmx feedback mill-għaqda tal-Girl Guides. Qalet li hi ser iċċempel biex tiċċekja kif baqgħu.

260 Materja 241: Is-Sna Galea qalet li nutli tipproponi xi attivta' qabel tkun taf il-finanzi li hemm minn naħa ta' B'Kara. Is-Segretarju qalet li aħjar tippjana u tipproponi attivita' biex imbad il-Kunsilli japprovaw (jew le) l-allokazzjoni ta' flus għal din l-attivita'.

261 Materja 245: Is-Segretarju qalet li iċċekjat fuq l-ilment tad-dgħajsa fi Triq Indri Grima u qalet li ġiet infurmata li jekk tkun fuq karru mhix qed tinkiser l-ebda liġi. Is-Sur Attard qal li hu ma jaħsibx li dan huwa l-każ. Is-Segretarju qalet li għandha terġa tikkonferma u ġġib risposta bil-miktub.

261 Materja 204: Intqal li t-tabelli tranġaw pero' għad hemm xi ħadd qed idawwarhom.

## 4. Korrispondenza

262 Inqrat ittra dwar l-istat tal-Playingfield tas-Swatar. Sar qbil li s-Segretarju ser titlob kwotazzjonijiet urġenti għax-xogħolijiet ta' tiswija tal-bandli u anke l-molla tal-'gate'. Is-Sur Zahra qal li għandhom jintalbu alternattivi għal dawk il-madum ħodor tal-art tal-playing field. Dan minħabba li kola tawġu l-fuq.

## 5. Kiosk, Triq it-Torri

263 Iċ-Chairperson qal li reġa ressaq din il-materja minħabba li l-Kumitat ma rċieva l-ebda risposta mill-Kunsill ta' B'Kara. Qal li sid il-kiosk kien qal li ser jibqa fil-post sa' Novembru u qal li diġa għaddew diversi xhur u ma jidirx li hemm xi ċaqliq. Is-Sur Mangion qal li hu talab ukoll li ssir mistoqsija parliamentary mad-Dipartiment ta' l-Artijiet ħariġx permess ta' Kiosk fiż-żona u ġie kkonfermat li le. Qed jissuġġerixxi li bħala Kumitat tinkiteb imejl lill-Ispettur tal-Għassa ta' Birkirkara biex il-każ jiġi nvestigat minn naħa

**tagħhom u biex jiċċekjaw il-permessi huma. Is-Sur Attard qal li mhux jagħmel xejn ħażin. Qal li għandu liċenzja ta' Street Hawker u l-aktar li qed jagħmel ħażin hu li mhux qed iżarma fil-għaxija u jerġgħa jarma fil-għodu. Qal li mhux qed joħloq problemi li ma jżarmax fil-għaxija. Is-Sur Mangion ma qabilx. Qal li jekk suppost jżarma, għandu jżarma. IS-Sur Zahra qal li hemm xi kiosk il-Gżira li meta jżarma fil-għaxija, fil-għodu jsib il-post riservat. Intqal li mhux dan il-kiosk biss ikun hemm fiż-żona. Oħrajn jiġu ftit u jitilqu (kif suppost) pero' issemma li xi wieħed minn dawn qed jipparkjaw ħażin (fil-kantuniera ta' ħdejn l-APS). Sar qbil li ser jiġi nformat s-Supretendent ta' l-Għassa ta' B'Kara biex isiru l-investigazzjonijiet li hemm bżonn.**

**6. Traffic Management**

**264 Sar qbil li l-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar għandu jibda korrespondenza bejn is-Sindki ta' L-Imsida u B'Kara biex tibda tiġi diskussa l-proposta tat-Traffic Management taż-żona. F'din il-laqgħa għandhom ikunu preżenti l-Periti ta' l-istess Kunsilli.**

**7. Proposta minn organizzazzjoni tal-Basketball fis-Swatar**

**265 Is-Sur Mangion qal li tkellem miegħu ċertu wieħed Orlando Bonnici li jorganizza lezzjonijiet tal-Basketball fis-Swatar. Talab li l-Kumitat jagħmel promozzjoni ta' dawn il-lezzjonijiet, li jsiru fis-St Martin's College, u qal li lest li jagħti donazzjoni jekk jinkitbu xi ammont ta' tfal. Sar qbil li dan jista jsir u forsi l-għaqda tkun tista tikkolabora f'xi attivitajjiet li jorganizza l-Kumitat.**

**8. Affarijiet oħra jekk urġenti**

**266 Intqal li s-Sur Mangion ser ikompli jitlob risposta mingħand il-Kunsill ta' B'Kara dwar il-Finanzi tal-Kumitat.**

**267 Is-Sna Galea qalet li hemm xi ħitan li mhumiex ta' 8 filati. Kienet diġa ġiet diskussa din il-materja waqt laqgħa oħra. Għandu jsir 'follow-up'.**

**245 Is-Sur Attard qal li fi Triq Mons Innoċenż Żammit kantuniera ma Triq Dijonisju Fumiċelli għandu jiġi kkonfermat jekk il-bankina għandiex issir mill-Kunsill jew mill-Kuntrattur.**

**8. Għeluq u Aġġornament**

**247** **Sar qbil li d-data tal-laqgħa għandha tiġi deċiża mas-Segretarju il-ġdid jew inkella ma' l-Aġent li jitqabbad mid-Dipartiment.**

**248** **Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-19:48.**

**Matthew Mangion**
***Chairperson***

**Marita Portelli**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data**